# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**
**Spettur Lara Butters**

**Kontra**

**Nguyen Trong Dat**

Illum 29 ta' Lulju, 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoijiet migjuba kontra Nguyen Trong Dat ta' 19 sena, Nazzjonalita Vietnam, iben Nguyen Trong Hai u Nguyen Thi Quy, imwieled Nghe An - Vietnam nhar il-25 ta' Marzu 2004 , prezentament bla residenza fissa, u detentur ta' Passaport Vietnamiz Numru P00841075 talli fit- 28 ta' Lulju, 2023 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Kellu f'idhu Passaport maħruġ minn awtorià kompetenti, jew li, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna oħra jew irċieva passaport li ġie ittrasferit lilhu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta li jagħmlu użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra; (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi taht prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta);

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tad-29 ta ' Lulju 2023 saret l-ezami tal-imputat fejn saret l-ammissjoni tal-imputat fejn il-Qorti wissiet l-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilhu, inkluz li minhabbba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibhu hati u tikkundannah ghal-piena li tista tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-

Qorti wara li taghthu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnhu semghet lill-imputat itenni li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Rat l-artikoli art 3 u 4 tal- Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta u art 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet t-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Rat li fi stadju bikri hafna tal-proceduri l-imputat ammetta l-akkuzi li tressqu fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet tikkundanna lil **Nguyen Trong Dat** ghal sitt

(6) xhur habs effettivi .

**Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Magistrat**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**